# Xogħlijiet u Opri fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta bejn l-1981 u l-2003

kitba u ritratti ta' **Victor B. CARUANA**

Wara li daqqa t'għajn lejn il-ħajja ta' Mons. Joe Carabott li dam Arċipriet tal-Mosta għal tnejn u għoxrin sena sħaħ, issa jkun xieraq li naraw ix-xogħlijiet u l-opri li saru fil-Knisja Arċipretali u madwar il-Mosta mil-lat spiritwali taħt it-tmexxija tiegħu.

M'aħniex se nidħlu fid-dettal ta' l-akbar biċċa xogħol li kienet ir-restawr tar-Rotunda minn barra. Dan għaliex artiklu ddettaljat dwar dan, inkiteb fl-annwal ta' din is-Soċjetà tas-sena 2000 mis-sur Frans Deguara. Ta' min ifakkar li dan il-proġett beda fl-1994 u kien imqassam f'erba' fażijiet: kampnar lemin, kampnar xellug, frontispizju u portiku u fl-aħħarnett il-lanterna u l-koppla. Ix-xogħol dam sejjer sa Awwissu 2002. Dan sar kollu mid-ditta *Vassallo Builders Group* li ċ-*Chairman* huwa s-sur Nazzareno Vassallo taħt is-sorveljanza tal-Perit Joseph Sapienza. Ix-xogħol tar-restawr ġie mogħti d-Diploma '*Europa Nostra*'. L-ispejjeż kollha tiegħu telgħu għal Lm212,814 - 76ċ.

Sar ukoll xogħol ta' restawr fuq il-linef li jintramaw fil-festa ta' Santa Marija u l-Milied. Dawn kienu nxtraw fl-1902 meta kien Prokuratur Dun Anġ Camilleri li dam f'din il-kariga għal madwar tletin sena u li fi żmienu saru opri kbar fir-Rotunda. Dun Anġ miet fl-1927 u għandna



Dun Joe Carabott, Arċipriet tal-Mosta, jagħmel diskors waqt l-inawgurazzjoni tax-xogħol tar-restawr tar-Rotunda minn barra nhar il-Ħadd fil-għodu tal-25 t'Ottubru 1992. Jidher ukoll is-sur Nazzareno Vassallo, Chairman ta' Vassallo Builders Group, inkarigati mix-xogħol kollu.

monument sabiħ f'ġieħu fil-Pjazza quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Il-linef ġew żarmati waħda, waħda, b'paċenzja kbira mis-Sagristan Charlie Schembri biex imbagħad intramaw mill-ġdid waqt li żdiedu l-biċċiet tal-kristall neqsin u nbidlu dawk miksura. Dun Edgar Vella ħa ħsieb



Saru l-altar, is-sedja, l-ambone, il-leġiju, il-fonti tal-magħmudija u żewġ gradenzini li kollha ġew iddisinjati mill-iskultur Ġanni Bonnici.

iġib minn barra dan il-kristall li ġie jiswa Lm3,604.

Insemmu issa l-għamara ta' fuq il-presbiterju li tintuża għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi: l-altar, l-ambone, is-sedja bil-banketti, il-leġiju, iż-żewġ gradenzi u l-fonti tal-magħmudija. Din l-għamara kollha saret fuq id-disinn ta' l-iskultur Ġanni Bonnici li ħa ħsieb ukoll ix-xogħol kemm tal-kewba, li nħadem mis-sur Carmelo Mangion tal-Ħamrun, kif ukoll tal-bronż. Bla dubju, dan huwa wieħed



Waħda mil-linef li jintramaw għall-Festa Titulari wara li ġiet restawrata.



*Ġie restawrat il-pulptu li kien iżżanżan fl-1932.*

mill-isbaħ li jinsab fil-gżejjer tagħna. Is-sett kollu sewa ma' l-Lm4,000.

Fl-istess żmien ġew restawrati l-pulptu, il-konfessjonarji, il-bibien tal-knisja u n-niċeċ. Il-pulptu kien iżżanżan fl-1932 u maħdum mill-injam tal-ġewż fuq id-disinn ta' l-iskultur Vincenzo Apap. Il-konfessjonarji fir-Rotunda huma seba' u dawn saru fl-1881 mis-sur Mikiel Casha. Ix-xogħol tar-restawr sar mis-sur Emmanuel Falzon bl-ispiża ta' Lm5,000.

Il-bankun bil-bronż ta' Santa Marija ġie restawrat ukoll. Id-disinn tiegħu sar mis-sur Carmelo Tonna tar-Rabat, waqt li nħadem minn ħuh, is-sur Ġużeppi Tonna, mgħejjun mill-imgħallem Ġanni Agius mill-Mosta. L-istatwi u r-riljievi tal-bronż huma xogħol ta' l-iskultur Taljan Carlo Pisi. Dan il-bankun li żżanżan fil-11 t'Awwissu 1957 u li qam Lm4,000, ġie restawrat bi spiża ta' Lm1,600.

Xogħol ieħor ta' restawr sar fuq il-gandlieri ta' kuljum ta' l-artal maġġur u dawk ta' l-altari kollha tal-ġnub, u magħhom ġew arġentati mill-ġdid il-ġirandola ż-żgħira u l-gwarnic tal-ventaltar. Insemmu wkoll li saru pedati ta' l-irħam flok dawk ta' l-injam fuq l-altari ż-żgħar li qamu Lm1,200. Sar restawr ukoll fuq l-altar tal-Kor fl-ornament tal-bronż sabiħ li għandu.

L-istatwa titulari ta' Santa Marija, xogħol ta' Salvatore Dimech, inħadmet fl-1868. Fl-1948 ġiet rinnovata b'ħafna tibdil mill-iskultur Vincenzo Apap. Din l-istatwa u l-pedistall ġew indurati mill-ġdid mid-ditta Darmanin tal-Belt fl-1985. Iż-żebgħa saret mill-Kav. Rafel Bonnici Calì.



*Waħda mill-istatwi żgħar li hemm madwar il-bankun ta' Santa Marija li ġie restawrat ukoll. Din hija l-istatwa ta' Jahel.*

Wara l-istatwa nsemmu l-Kwadru Titulari ta' l-Assunta



*Fl-1985 l-istatwa titulari ta' Santa Marija ġiet indurata mill-ġdid mid-ditta Darmanin tal-Belt.*

fil-Kor tar-Rotunda. Skond xi esperti dan kien sar għall-knisja l-qadima minn Pasquale Buhagiar fl-1678. Minn dak iż-żmien ġie restawrat diversi drabi, l-ewwel darba minn Ġużeppi Hyzler fl-1827. Fl-1864 ġie mkabbar u restawrat minn Salvu Barbara u mqiegħed fir-Rotunda li kienet għadha kif inbniet. Fl-1950 reġa' ġie restawrat mill-Kav. Vincenzo Bonello u fl-1975 mis-sur Maurice Cordina. Fl-2000 ġie mnaddaf u restawrat fejn meħtieġ mill-pittur Alfred Briffa minn Birkirkara li llum joqgħod il-Mosta.

Fl-istess żmien ġew restawrati l-gandlieri li jintramaw fuq l-altar maġġur fil-festa kif ukoll is-sett ta' l-appostli. Ikkontribwixxa għalihom is-sur Toni Camilleri, emigrant fl-Amerika li llum mejjet. Saru wkoll *stands* għall-forċini li swew Lm400. Fl-okkażjoni ta' l-10 anniversarju mill-Inkurunazzjoni sar ċintorin tad-deheb għall-istatwa li tqiegħed wara l-quddiesa Pontifikali mill-Isqof Pollakk Marian Pryzucki.

Monument sabiħ inkixef fis-sagrestija fl-okkażjoni tal-50 sena mill-Miraklu tal-Bomba. Dan huwa xogħol fuq il-bronż fuq sfond ta' l-irħam ta' l-iskultur Ġanni Bonnici li nħadem mid-ditta Abela tal-Blata l-Bajda.

Proġett ta' utilità kbira kien is-sistema ta' amplifikazzjoni li solviet il-problema ta' l-akustika li dejjem kellna fir-Rotunda. Dan qam 'il fuq minn Lm7,000.

Sar ukoll bankun ġdid li jintuża għall-baldakkin irrakkmat, xogħol ukoll ta' Dun Anġ Camilleri, li żżanżan fl-1898. L-istess bankun jintuża bħala kanċell quddiem l-altar tar-Reposizzjoni f'Ħamis ix-Xirka.

Fl-10 t'Awwissu 2000 ġie ċċelebrat il-25 anniversarju mill-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta. Waqt funzjoni memorabbli fuq iz-zuntier tal-knisja li saret fuq tribuna



*Fl-2000 ġew arġentati l-istatwi ta' l-Appostli li jintramaw fil-festa fuq l-altar maġġur.*



Fl-1985 sar ċintorin tad-deheb li tqiegħed ma' l-istatwa titulari mill-Isqof Pollakk Marian Pryzucki.



Fl-10 t'Awwissu 2000 tpoġġa stellarju tad-deheb madwar ix-xbieha ta' l-Assunta tal-Kwadru Titulari. Hawn jidhru l-istilel fuq platt tal-fidda ftit minuti qabel ma tpoġġew.

mtellgħa minn Vassallo Bros., tpoġġa stellarju ta' 12-il kewkba tad-deheb maħdum mis-sur Raymond Grech tal-Belt. Il-funzjoni tmexxiet mill-Arċisqof ta' Lecce, Mons. Cosimo Ruppi, u l-istilel tqegħdu minn membri tal-parroċċa.

Fi żmien il-Milied, ir-Rotunda tieħu dehra ġdida bl-ornamenti madwar il-knisja fuq disinn ta' Dun Edgar Vella u maħdum mill-Grupp tat-Tiżjin tal-Fjuri tal-parroċċa taħt id-direzzjoni tas-sinjura Speranza Spiteri.



9 t'Awwissu 1991: l-Arċisqof Ġ. Mercieca ibierek iċ-Ċentru Pastorali f'Sant'Andrija.

Ngħaddu issa għall-binjiet importanti li saru f'dan iż-żmien fil-Mosta. L-ewwel ma nbniet kienet is-Sala Papa Wojtyla, bħala parti mill-Oratorju Marija Immakulata b'tifkira tas-Sena Marjana 1988. Is-sala nfetħet f'Awwissu 1989 mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca.



Awwissu 1989: l-Arċisqof Ġ. Mercieca jinawgura s-Sala Papa Wojtyla flimkien ma' l-Arċipriet Dun Joe Carabott.

Fl-1 ta' Diċembru 1990 tqegħdet l-ewwel ġebla taċ-Ċentru Sant'Andrija f'Tarġa Gap u fid-9 t'Awwissu ta' wara ġie mbierek mill-Arċisqof Ġ. Mercieca. Iċ-Ċentru Pastorali qed iservi għat-tagħlim tat-tfal u għall-attivitajiet liturġiċi u soċjali għan-nies taż-żona. Iċ-Ċentru qam madwar Lm85,000 u tħallas kollu bil-ħidma u l-inizjattiva tal-familji taż-żona.

Fi Frar 1999 tbierket l-ewwel ġebla tal-knisja ddedikata lil Marija Omm il-Knisja fiż-żona Ta' Mlit u din tbierket mill-Arċisqof Ġ. Mercieca fit-30 t'Ottubru ta' l-istess sena. Sena wara ġie nawgurat iċ-Ċentru biswit din il-knisja li jaqdi l-ħtiġijiet pastorali tan-nies taż-żona. Il-proġett kollu qam Lm120,000. Fis-sena 2002 f'din il-knisja saru tabernaklu, ambone u altar ta' l-irħam u dan ġie kkonsagrat mill-Arċisqof Ġ. Mercieca fit-30 t'Ottubru. Id-disinn huwa ta' l-iskultur Ġanni Bonnici.

Ingħata bidu għar-restawr ta' l-armar tal-festa ta' Santa Marija. Dan qabad ritmu sewwa u għadu sejjer, grazzi għx-xogħol bla heda u l-entużjażmu tal-Grupp Tiżjin Festa Santa Marija. Fost dawn ta' min isemmi l-istatwi sbieħ li



30 t'Ottubru 2002: l-Arċisqof Ġ. Mercieca jikkonsagra l-altar ta' l-irħam fil-kappella Marija Omm il-Knisja f'Ta' Mlit.



*L-istatwa tal-Papa Piju XII li tintrama fil-Pjazza saret mill-ġdid mill-iskultur Ġanni Bonnici.*



*Sar restawr bżonnjuż ħafna fl-armar ta' barra tal-festa. Hawnhekk naraw l-istatwa ta' Sant'Anna li tintrama quddiem ir-Rotunda.*

jintramaw fil-Pjazza, fosthom dawk ta' Ġuditta, Abigejl u David li ġew restawrati mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.

L-istatwa tal-Papa Piju XII li tintrama f'nofs il-Pjazza saret mill-ġdid mill-iskultur Ġanni Bonnici li kien ukoll l-iskultur ta' l-ewwel waħda. Dan il-Papa kien li ddefinixxa l-Assunzjoni tal-Madonna bħala Domma ta' Fidi u għalhekk li f'idejn il-Papa naraw dettal tal-kwadru ta' l-Inkurunazzjoni.

Tħalla għall-aħħar apposta l-Kantiku ta' Marija li ġie minqux fuq l-irħam fil-Portiku tal-Knisja. Dan inħadem mid-ditta Montebello tal-Marsa għall-ispiża ta' Lm2,320.

L-ewwel vers tiegħu jagħlaq tajjeb dan it-tagħrif għax nifhmu nirringrazzjaw 'l Alla mal-Madonna għall-ġid kollu li sar.

Ir-ritratti kollha ma' dan l-artiklu ġew meħudin matul dawn it-tnejn u għoxrin sena mis-sur Victor B. Caruana.


# JOHN C. VELLA

*Haberdashery • Sewing Machines*
*Needlecraft & Fashion Accessories*

**97, Constitution Street, Mosta MST 08, Malta**
**Phone: 21 433 863 • Fax: 21 432094**

**IMPORTERS • WHOLESALERS • RETAILERS**

• Sewing Machines •
• Sales • Rentals • Part-exchange • Repairs on all makes •
• Tapestry and Embroidery kits •
• Fabric & Canvas Stretching and Framing •
• Festoon • Triple • Corded Curtain Tracks •